MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Birżebbuġa

# 7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 55 (STR)

It-Tlieta, 20 ta' Novembru, 2018

Il-Kunsill Lokali Birżebbuġa ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz "Dar Birżebbuġa", Triq Santa Marija, Birżebbuġa, fis-7.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

| | |
|---|---|
| Is-Sur Joseph Cutajar (JC) | Sindku |
| Is-Sur Joseph Baldacchino (JB) | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Leanne Abela Grech (LAG) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Josette Busuttil (JBD) | Kunsillier |
| Is-Sur Sandro Alexander Caruana (AC) | Kunsillier |

Membri tal- Pubbliku: (7)

Is-Sinjorina Michaela Maria Chircop (MMC) Ambaxxatriċi Lokali taż-Żgħażagħ
Rappreżentanti Projects Plus. (PP)

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

| | |
|---|---|
| Is-Sur Stanley Zammit (SZ) | Kunsillier |
| Is-Sur Johann Borg (JBO) | Kunsillier |

ASSENTI
Nil

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Is-Sur Svetlick Flores – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku s-Sur Joseph Cutajar ippresjeda l-laqgħa.

## 55.1 Qari tal-Ittri ta' Apoloġiji;

55.1.1. Is-Sindku JC informa li l-Kunsillier SZ u l-Kunsillier JBO ma setgħux ikunu preżenti u talbu li jkunu skużati.

55.1.2. Il-membri preżenti unanimament aċċettaw l-apoloġija.

## 55.2 Proġett f'Wied il-Buni;

55.2.1. Is-Sindku informa li tressqu l-pjanti tal-parkeġġ propost. Huwa informa li bid-disinn kif propost, ser jiżdied l-ispazju ta' parkeġġ.

55.2.2. Il-Kunsillier AC staqsa kemm kien ser ikun jesa' l-ispazju ta' parkeġġ tal-Kunsill.

55.2.2.1. Is-Sindku JC informa li l-parkeġġ kif qed jiġi propost ser ikun jesa' ħafna iktar.

55.2.3. Il-Kunsilliera JBD staqsiet jekk hux ser ikun hemm parkeġġ ukoll fi Triq San Patrizju u Misraħ is-Summit.

**NB: 7.03pm Il-Kunsill stieden lir-rappreżentati ta' Projects Plus jingħadu mal-mejda sabiex ikunu jistgħu iwieġbu għad-domandi tal-Kunsill.**

55.2.3.1. Ir-rappreżentanti tal-Projects Plus (PP), ikkonfermaw li ser isiru parkeġġi fi Triq San Patrizju, u *embellishment* tal-*prominade* minn Misraħ is-Summit sal-parkeġġ propost, li jinkludu Triq San Patrizju.

55.2.4. Il-Kunsillier AC staqsa dwar il-pjanti ta' Misraħ is-Summit kompluti, u irrimarka li fl-aħħar sena l-Kunsill għadu ma rċeviex aġġornamenti minn l-aħħar laqgħat li saru.

55.2.4.1. Huwa kien infurmat minn PP li mhuwiex xogħol li qed isir minnhom, iżda infurmati li qed isiru l-pjanti.

**NB. 7.05 pm. Il-Viċi Sindku JB attenda għal-laqgħa.**

55.2.5. Il-Kunsillier AC staqsa jekk is-Sailing Club u l-Klabb tar-Regatta kienux konsultati.

55.2.5.1. Is-Sindku JC informa li huma inkorporati u inklużi fid-diskussjonijiet ma' PP.

55.2.6. Il-Kunsillier AC staqsa għan-nom tas-Sailing Club għaliex id-dgħajjes motorizzati bl-irmonk kif ukoll tal-ibburdjar miġbudin mit tfal għandhom jużaw l-istess aċċess. Huwa staqsa għaliex ma jsirx passaġġ apparti minn fuq ir-ramla sa ħdejn il-klabb.

55.2.6.1. Huwa kien infurmat minn PP li saru laqgħat ma' diversi *stakeholders* iżda mhux fuq din il-mistoqsija. Huma madankollu infurmaw li ser ikun hemm aċċess kif hemm fil-preżent.

55.2.7. Il-Kunsillier AC staqsa jekk hux ser tintmiss ix-xtajta.

55.2.7.1. Huwa kien infurmat minn PP fin-negattiv.

55.2.8. Il-Kunsillier AC staqsa min ser ikun qed jieħu ħsieb il-ġnien propost.

55.2.8.1. Huwa kien infurmat minn PP li dan ser isir mill-Freeport.

55.2.9. Il-Kunsillier AC staqsa jekk il-parkeġġ propost jistax ikollu iktar sulari.

55.2.9.1. Huwa kien infurmat minn PP li huwa maħsub hekk.

55.2.10. Il-Viċi Sindku JB irrimarka li l-ġnien f'ebda ħin ma ssemma fil-konsultazzjoni pubblika li saret mill-GHRC.

55.2.10.1. Huwa kien infurmat minn PP li dan ser isir bħala Corporate Social Responsibility mill-Freeport, u għalhekk mhux parti mill-proġett ippjanat minnhom.

55.2.11. Il-Kunsilliera JBD staqsiet liema xogħlijiet ser isir l-ewwel.

55.2.11.1. Hija kienet infurmata minn PP li l-ewwel fażi ser ikun il-bini tal-parkeġġ.

55.2.12. Il-Kunsilliera JBD staqsiet kemm ser idum ix-xogħol fuq il-parkeġġ.

55.2.12.1. Hija kienet infurmata minn PP li dan mistenni jieħu madwar sentejn.

55.2.13. Il-Kunsilliera LAG staqsiet jekk il-parkeġġ hux ser ikun aċċessibbli mill-ġnien propost mill-Freeport / *prominade*.

55.2.13.1. Hija kienet infurmata minn PP fl-affermattiv.

55.2.14. Il-Viċi Sindku JB ressaq mozzjoni li l-ewwel issir konsultazzjoni pubblika b'mod immedjat, qabel ma jittieħed il-vot favur il-proġett. Il-Kunsillier AC issekonda.

55.2.14.1. Il-Kunsilliera LAG qalet li l-ewwel għandu jsir *residential parking*.

55.2.14.2. Il-Kunsill qabel li fil-preżent trid tittieħed deċizjoni dwar il-parkeġġ u mhux dwar il-proġett kollu.

55.2.14.3. Il-Viċi Sindku irtira l-mozzjoni imressqa.

55.2.15. Il-Viċi Sindku JB u l-Kunsillier AC ressqu mozzjoni favur il-ħruġ ta' *no objection* għall-bini ta' *Multistorey Car Park* fiż-żona tal-*Freeport* skont il-pjanti sottomessi, li jkun sular għall-użu tal-*Freeport* u żewġ (2) sulari għall-użu tal-pubbliku, u li l-Kunsill jitlob konsultazzjoni pubblika qabel jittieħed vot fuq il-kumplament tal-proġett bejn Misraħ is-Summit u l-parkeġġ propost.

55.2.15.1. Is-Sindku talab li wara jiżdied it-test "b'xejn għar-residenti ta' Birżebbuġa", wara l-kelma pubbliku.

55.2.15.2. Il-proponenti aċċettaw l-emenda proposta.

55.2.15.3. Il-Kunsilliera LAG issekondat il-mozzjoni.

55.2.15.4. Ittieħed vot bir-riżultat ikun favur unanimament.

Il-laqgha intemmet fis-7.34 ta filgħaxija.

Konfermati, illum 10 ta' Diċembru, 2018.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Joseph Cutajar<br>Sindku | Svetlick Flores<br>Segretarju Eżekuttiv |